MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru 762/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J Gatt)**

**Vs**

Martin Delia
Wayne Delia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Martin Delia u Wayne Delia ta' karta ta' identita' 826356(M) u 574785(M) rispettivament, akkuzat talli:

Fid-29.8.2005 ghal habta tal-5:30 p.m. gewwa il-Gzira:

a) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg li jappartjenu lil kumpanija Guard and Warden

Service House Ltd kif ukoll lil Warden Patrick Paul Attard, mobbli jew immobli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix hames mitt lira Maltin imma huwa izjed minn hamsin lira Maltin u dan ghad-detriment tal-istess kumpanija Guard and Warden Service House Ltd. u Warden Patrick Paul Attard. Dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Mario Grixti M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, fuq il-persuna ta' Warden Patrick Paul Attard, persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqhu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Warden Patrick Paul Attard, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Warden Patrick Paul Attard hekk kif iccertifika Dr. Mario Grixti M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan bi ksur tal-artikoli 221 u 222 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

e) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd indahhlu fi dmirhu billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun. Dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna tal-Warden Patrick Paul Attard, sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara jew lil haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamlu lil Warden Patrick Paul Attard ingurji jew theddid jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni f'din l-ewwel udjenza fl-liema ammissjoni huma insistew anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Fuq ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibhom hatja.

Rat ghal fini ta' piena l-Artikolu 325, 95, 96, 221, 222 u 17 tal-Kap 9 u tikkundannahom multa komplessiva kull wiehed ta' Lm30 fuq l-akkuzi (e)(f)(g), Lm25 kull wiehed dwar l-akkuza (d), u tilliberahom mill-kumplament bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------